Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 129/21**
Il-Lussemburgu, 15 ta' Lulju 2021

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-848/19 P
Il-Ġermanja vs Il-Polonja

# Il-legalità ta' kull att tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jaqa' taħt il-politika tagħha fil-qasam tal-enerġija għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-prinċipju ta' solidarjetà enerġetika

*Il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell ippreżentat mill-Ġermanja kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali li kienet, b'applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, annullat deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2016 li permezz tagħha l-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-pipeline tal-gass OPAL kienu ġew emendati*

Il-linja ta' konnessjoni tal-pipeline tal-gass tal-Baħar Baltiku (iktar 'il quddiem il-"pipeline tal-gass OPAL") hija s-sezzjoni terrestri, fil-punent, tal-pipeline tal-gass Nord Stream 1, li tittrasporta gass provenjenti mir-Russja lejn l-Ewropa billi ddur madwar il-pajjiżi ta' tranżitu "tradizzjonali", bħall-Ukraina, il-Polonja u s-Slovakkja. Fl-2009, il-Kummissjoni Ewropea kienet approvat, taħt kundizzjonijiet, id-deċiżjoni tal-Aġenzija Federali tan-Networks Ġermaniża li teżenta l-pipeline tal-gass OPAL mir-regoli tad-Direttiva 2003/55 [1] (sussegwentement issostitwita bid-Direttiva 2009/73 [2]) dwar l-aċċess minn terzi għan-netwerks ta' pipelines tal-gass [3] u għar-regolamentazzjoni tariffarja [4]. Peress li Gazprom, impriża dominanti fis-suq tal-provvista tal-gass, qatt ma ssodisfat waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Kummissjoni, hija setgħet tisfrutta l-pipeline tal-gass OPAL biss sa 50 % tal-kapaċità tiegħu, minn mindu daħal fis-servizz fl-2011.

Fl-2016, b'mod partikolari fuq talba ta' Gazprom, l-Aġenzija Federali tan-Networks Ġermaniża ikkomunikat lill-Kummissjoni l-intenzjoni tagħha li temenda ċerti dispożizzjonijiet tal-eżenzjoni mogħtija fl-2009. Essenzjalment, l-emenda proposta kellha tippermetti li l-pipeline tal-gass OPAL jiġi operat fil-kapaċità sħiħa tiegħu, bil-kundizzjoni li mill-inqas 50 % ta' din il-kapaċità tinbiegħ f'qafas ta' bejgħ bl-irkant. Permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni approvat din l-emenda taħt ċerti kundizzjonijiet [5] (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

Peress li qieset li d-deċiżjoni kontenzjuża kienet thedded is-sigurtà tal-provvista tal-gass tal-Polonja, minħabba t-trasferiment lejn ir-rotta ta' tranżitu Nord Stream 1/OPAL ta' parti mill-volumi ta' gass naturali li sa dak iż-żmien kienu jgħaddu mill-Istati tar-reġjun tal-Ewropa Ċentrali, fosthom il-Polonja, permezz tal-pipelines tal-gass kompetituri ta' OPAL, ir-Repubblika tal-Polonja ppreżentat rikors għall-annullament ta' din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali. Il-Qorti Ġenerali laqgħet dan ir-rikors u annullat id-deċiżjoni kontenzjuża minħabba ksur tal-prinċipju ta' solidarjetà enerġetika stabbilit fl-Artikolu 194(1) TFUE [6]. Skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni missha eżaminat l-effetti tal-emenda tas-sistema ta' operat tal-pipeline tal-gass OPAL fuq is-sigurtà ta' provvista u l-politika fil-qasam tal-enerġija tal-Polonja.

---

[1] Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 230).
[2] Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU 2009, L 211, p. 94).
[3] Artikolu 18 tad-Direttiva 2003/55 u l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/73.
[4] Artikolu 25(2) sa (4) tad-Direttiva 2003/55.
[5] Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 6950 final tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar ir-reviżjoni tal-kundizzjonijiet għal deroga tal-[pipeline tal-gass OPAL], mir-regoli relatati mal-aċċess minn terzi u mir-regolamentazzjoni tariffarja, mogħtija bis-saħħa tad-[Direttiva 2003/55].
[6] Sentenza tal-10 ta' Settembru 2019, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni (T-883/16), (ara wkoll l-istqarrija għall-istampa Nru 107/19).

Adita b'appell ippreżentat mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kompożizzjoni tagħha bħala Awla Manja, tikkonferma s-sentenza tal-Qorti Ġenerali billi tagħti deċiżjoni dwar in-natura u l-portata tal-prinċipju ta' solidarjetà enerġetika.

**Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar, fl-ewwel lok, li, skont l-Artikolu 194(1) TFUE, il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija hija intiża, fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri, li tiżgura l-funzjonament tas-suq tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista enerġetika fl-Unjoni kif ukoll li tippromwovi l-effikaċja enerġetika u l-ekonomiji tal-enerġija, l-iżvilupp tal-enerġiji ġodda u li jiġġeddu, u l-interkonnessjoni tan-networks enerġetiċi.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-prinċipju ta' solidarjetà huwa prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, imsemmi f'diversi dispożizzjonijiet tat-Trattati UE u FUE, li huwa espress b'mod speċifiku, fil-qasam tal-enerġija, fl-Artikolu 194(1) TFUE. Dan il-prinċipju huwa marbut mill-qrib mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali [7], li jimponi fuq l-Unjoni u fuq l-Istati Membri osservanza u assistenza reċiproka fit-twettiq tal-kompiti li jirriżultaw mit-Trattati. Peress li l-prinċipju ta' solidarjetà huwa l-bażi tal-għanijiet kollha tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni, xejn ma jippermetti li jiġi eskluż li dan il-prinċipju jipproduċi effett ġuridiku vinkolanti. Għall-kuntrarju, il-prinċipju ta' solidarjetà jinvolvi drittijiet u obbligi kemm għall-Unjoni kif ukoll għall-Istati Membri, fejn l-Unjoni għandha obbligu ta' solidarjetà fir-rigward tal-Istati Membri u dawn tal-aħħar għandhom l-istess obbligu bejniethom kif ukoll fir-rigward tal-interess komuni tal-Unjoni.

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li, kuntrarjament għall-argument imressaq mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-legalità ta' kull att tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jaqa' taħt il-politika tagħha fil-qasam tal-enerġija għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-prinċipju ta' solidarjetà enerġetika, anki fl-assenza ta' riferiment espliċitu għal dan il-prinċipju fid-dritt idderivat applikabbli, jiġifieri f'dan il-każ id-Direttiva 2009/73 [8]. Konsegwentement, minn qari flimkien tal-prinċipji ta' solidarjetà enerġetika u ta' kooperazzjoni leali jirriżulta li, waqt l-adozzjoni ta' deċiżjoni li temenda sistema derogatorja, adottata b'applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73 [9], il-Kummissjoni għandha obbligu teżamina r-riskji eventwali għall-provvista ta' gass fis-swieq tal-Istati Membri.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li l-formulazzjoni tal-Artikolu 194 TFUE ma tirrestrinġix l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' solidarjetà enerġetika għas-sitwazzjonijiet ta' attakki terroristiċi jew ta' katastrofi naturali jew ta' oriġini umana, imsemmija fl-Artikolu 222 TFUE. Għall-kuntrarju, l-ispirtu ta' solidarjetà msemmi fl-Artikolu 194(1) TFUE jestendi għal kull azzjoni li taqa' taħt il-politika enerġetika tal-Unjoni.

Għalhekk, id-dmir, għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni u għall-Istati Membri, li jieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' solidarjetà enerġetika waqt l-adozzjoni tal-atti relatati mas-suq intern tal-gass naturali, filwaqt li jiżguraw b'mod partikolari li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista enerġetika tal-Unjoni, huwa rifless kemm fl-adozzjoni ta' miżuri li jiffaċċjaw sitwazzjonijiet ta' emerġenza kif ukoll fl-adozzjoni ta' miżuri preventivi. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi rispettivi tagħhom f'dan il-qasam, iwettqu bilanċ tal-interessi enerġetiċi involuti, billi jevitaw li jieħdu miżuri li jistgħu jaffettwaw l-interessi tal-atturi li jistgħu jkunu kkonċernati, fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista, tal-vijabbiltà ekonomika u politika u tad-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' provvista, u dan sabiex jassumu l-interdipendenza u s-solidarjetà fattwali tagħhom.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma li l-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi billi ddeċidiet li d-deċiżjoni kontenzjuża kellha tiġi annullata minħabba ksur tal-prinċipju ta' solidarjetà enerġetika.

---

**RAPPEL :** Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiġi adita b'appell, limitat għall-kwistjonijiet ta' liġi, kontra sentenza jew digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u

[7] Artikolu 4(3) TUE.
[8] Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2009/73.
[9] Artikolu 36 tad-Direttiva 2009/73.

fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċijżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża tkun fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi hija stess il-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija terġa' tibgħat il-kawża lill-Qorti Ġenerali, li hija marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-appell.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenzi huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106.*